# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2024**

**Numru 9**

**Rikors Numru 909/21TA**

**Brenda Briffa (KI:372794M) u Marlon Bonello bhala eredi tad-defunt Carmel Bonello**
**vs**
**Raymond Sciberras (KI:26567M); u Motor Insurer's Bureau**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Brenda Briffa u Marlon Bonello fil-kwalita' tagħhom premessa (l-Atturi) tat-13 ta' Settembru 2021 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

> Illi l-esponenti huma l-eredi tad-defunt Carmel Bonello u dan hekk kif jirriżulta aħjar mill-apertura tas-suċċessjoni (Dok. A);
>
> Illi f'inċident stradali li okkorra fil-5 ta' Ottubru 2019 f'Birkirkara, miet Carmel Bonello wara li safa milqut minn mutur misjuq mill-intimat Raymond Sciberras, liema mutur kellu numru ta' reġistrazzjoni IBM181;

Illi dan l-inċident, li b'konsegwenza tiegħu seħħet il-mewt ta' Carmel Bonello, seħħ bi ħtija esklussiva tal-konvenut stante li kien qiegħed isuq l-imsemmija vettura b'negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi l-intimat kien qiegħed issuq il-vettura mingħajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni u dan hekk kif jidher mill-anness dokument (Dok. B) w għalhekk kellha titħarrek ukoll Motor Insurer's Bureau;

Illi per konsegwenza ta' dan l-inċident, l-esponenti bħala l-eredi ta' Carmel Bonello sofrew danni skond il-liġi u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża;

Illi għalhekk jeħtieġ li jiġu likwidati d-danni sofferti;

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex għar-raġunijiet premessi din L-Onorabbli Qorti m'għandiex, previa kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja:-

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenut Raymond Sciberras huwa unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fil-5 ta' Ottubru 2019 f'Birkirkara u li għalhekk l-istess konvenut huwa unikament responsabbli għad-danni kollha minnu kaġunati anke fuq il-persuna tad-defunt Carmel Bonello li miet konsegwenza tal-imsemmi inċident;
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, inkluż anke dawk morali, occorrendo anke jekk ikun il-każ bl-opera ta' periti nominandi;
3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom li jħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kollha inkluż dawk tal-ittra uffiċjali li qiegħda tiġi prezentata kontestwalment kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Motor Insurers Bureau (il-konvenut Bureau) tat-3 ta' Novembru 2021 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. Illi, preliminarjament, l-eċċipjenti hija biss *manager* tal-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u għalhekk l-esponenti ma hijiex il-leġittimu kontradittur f'każ ta' talbiet ġudizzjarji għal kumpens naxxenti minn inċidenti tat-traffiku allegatament ikkawżati minn vetturi mhux assigurati.

2. Illi l-azzjoni attriċi fil-konfront tal-eċċipjenti hija legalment improponibbli u għandha tiġi miċħuda minn dina l-Onorabbli billi f'każ ta' vettura mhux assigurata l-atturi ma għandhom ebda azzjoni diretta kontra l-eċċipjenti għall-ħlas tad-danni subiti f'inċident tat-traffiku billi kemm l-eċċipjenti, u kif ukoll il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens, m'humiex assiguraturi u għalhekk l-azzjoni diretta ma tapplikax. L-atturi kellhom jagħmlu l-kawża

biss kontra s-sewwieq tal-vettura mhux assigurata il-konvenut Raymond Sciberras li skond l-atturi huwa risponsabbli għall-inċident mertu tal-kawża. Fil-fatt il-liġi titlob biss illi l-eċċipjenti tingħata avviż tal-kawża b'ittra reġistrata jew ittra uffiċċjali (ara Regolament 25(2)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 403.13), u l-eċċipjenti ma kellhiex tiddaħħal bħala konvenuta b'talba għal kundanna fil-konfront tagħha. Wara tali avviż jispetta lill-eċċipjenti tiddeċiedi jekk tridx titlob li tintervjeni fil-kawża, iżda s-sentenza tingħata biss fil-konfront tas-sewwieq jekk dan jinstab responsabbli għall-inċident.

3. Illi fil-fatt it-tielet talba attriċi in kwantu qed titlob illi l-eċċipjenti tiġi kkundannata tħallas id-danni li għalihom jista' jinstab responsabbli l-konvenut Raymond Sciberas hija legal insostenibbli u infondata fil-fatt u fid-dritt billi talba għal kumpens għar-rigward inċident tat-traffiku ikkawżat minn vettura mhux assigurata tista' ssir biss wara li tinkiseb sentenza għar-rigward ir-responsabbiltà ċivili tas-sewwieq tal-vettura mhux assigurata u din ir-responsabbiltà ma tkunx ġiet sodisfatta kollha kemm hi fi żmien tmienja u għoxrin (28) jum mill-gurnata li fiha l-persuna jew persuni li favur tagħhom tkun ingħatat dik is-sentenza ikollhom id-dritt li jesegwuha (ara Regolament 25(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 403.13).

4. llli għalhekk it-talbiet attriċi fil-konfront ta' l-eċċipjenti huma infondati u fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda stante illi r-rekwiżiti ffissati mill-liġi għall-ħlas tal-kumpens ma humiex sodisfatti.

5. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju, l-atturi jridu jġibu prova ta' dak minnhom allegat fir-rikors ġuramentat inkluż dwar ir-responsabbilita` għall-inċident tal-konvenut Raymond Sciberras, dwar id-danni allegatament sofferti, u dwar id-dritt tagħhom li jirreklamaw tali danni.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jitressqu skond il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Raymond Sciberras (il-konvenut) tat-18 ta' Marzu 2022 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. Illi, fl-ewwel lok u in *vena preliminari*, l-intimat ġie biss nnotifikat b` din il-kawża fit 28 ta` Frar tas-sena 2022 u b` hekk kwalsjasi azzjoni vvantata mill-atturi fil-konfront tal-intimat hija fiċ-ċirkostanzi kollha preskritta fil-Liġi u dan *ai termini* tal-Artikolu 2153 u 2154 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta` Malta;

2. Illi, fil-mertu, fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi sottomess illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, u dan stante illi l-intimat ma kellu assolutament u ċertament l-ebda tort u/jew

responsabbilita` għal kwalunkwe danni li setgħew ġew sofferti minnhom l-atturi;

3. Illi, filfatt, udan kif ser jirriżulta aħjar mill-provi prodotti fil-mori ta` dawn il-proċeduri, l-inċident *de quo* seħħ unikament u bl-ebda dubju b` konsegwenza u tort tal-istess defunt Carmel Bonello u dan hekk minħabba imperizja, negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta` tħaris tar-regolament tat-traffiku da parti tiegħu stess u dan kollu kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża odjerna;

4. Illi, b`hekk, kif espost fil-premess, l-intimat ma kellu assolutament l-ebda tort għal inċident li seħħ u allura mhux responsabbli għad-danni allegatament kkaġunati fuq il-persuna defunta Carmel Bonello stante li l-inċidenti stradali ma kienx jaħti lil Raymond Sciberras;

5. Illi, konsegwentement, ma hemm l-ebda lok illi jiġu likwidati ebda danni a favur l-istess atturi;

6. Illi għalhekk, t-talbiet attriċi huma fondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu kolha miċħuda fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi;

7. Illi, in *ogni casa*, sussidjarjament u strettament mingħajr ebda preġudizzju għas-suspost, l-atturi jridu jġibu prova kemm tad-danni sofferti minnhom, u kif ukoll prova illi għad-danni hekk sofferti minnhom, jaħti unikament u biss l-istess intimat;

8. Illi, u dan dejjem mingħajr preġudizzju għal dak espost fil-premess, l-intimat jipprotesta ruħu għall-ispejjeż tal-każ odjern u kwalunkwe spejjez anċillari, u dan peress illi huwa fl-ebda ħin ma ġie interpellat jersaq għal ħlas ta` kwalunkwe danni, qabel ma ġiet intavolata din il-proċedura;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, ai termini tal-liġi, jekk ikun il-każ;

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma minn nġunti in sibuzzjoni.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda tal-persuni mressqa fil-perkors ta’ dawn il-proċeduri.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta’ fatti**

L-Atturi huma l-eredi universali ta' Carmel Bonello li tilef ħajtu f'inċident tat-traffiku fil-5 ta' Ottubru 2019 f'inċident stradali li seħħ f'Bkara fl-akkwata ta' fejn hemm l-istabbiliment tal-ikel McDonalds. Huwa safa mtajjar mill-konvenut meta dan ta' l-aħħar kien qiegħed isuq mutur tal-marka 'Piaggio' bil-pjanċa numru IBM181.

L-Atturi qed isostnu li l-imsemmi ġara minħabba tort uniku tal-konvenut pererss li kien qiegħed isuq bi ksur tal-liġi.

**Punti ta' Liġi**

Il-kawżali u t-talbiet kif imfassla f'din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw culpa aquilina lill-Konvenut, għad-danni li l-Atturi jallegaw li sofrew b'konsegwenza tal-mewt f'inċident stradali tal-awtur tagħhom fl-azzjoni qua eredi tiegħu.

Il-liġi tikkontempla danni naxxenti min *culpa aquiliana* fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-Atturi li jġibu l-prova tal-ħtija u li tassew ġarrbu d-danni. L-Art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi li "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*".

Minn din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabbilita` akwiljana jiskatta l-prinċipju li min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu. Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` *culpa* iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias.

F’dan ir-rigward l-ermeneutika ġurisprudenzjali lokali tgħallem li fl-ewwel lok “*min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta` kawża u effett mad-danni sofferti*” (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).

L-istess Sentenzi jkomplu jispjegaw li “l-*kolpa fil-każ ta` fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha billi wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett*” (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**). Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diligenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż, “*prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet raġjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili*” (ara **wkoll Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, ingħad li hemm il-culpa: “*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene”*

Di piu fis-**Sentenza fl-ismijiet Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru 2003**, b`referenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, intqal hekk li :- “*Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennunċja l-prinċipju in virtu ta` liema l-leżjoni kaġjonata lis-suġġett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirriżarċixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tiegħu; Issa kif saput,*

*il-fonti primarju tar-responsabilita` ċivili hi ravviżata fl-imġieba imputabbli għal dolo jew culpa. Il-liġi ċivili tagħna ma tiddefinixxix il-kolpa ċivili fl-għemil iżda tagħmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias* **[Artikolu 1032 (1), Kodiċi Ċivili].** *Dan jikkorrispondi in criminalibus għan-nuqqas ta` ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta` ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew nuqqas ta` tħaris tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali".*

Fl-aħħar nett is-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech et"** kien eluċidat is-segwenti:-

"… jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut ma` d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għemil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-"*ħtija",* madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi jixlu lill-imħarrkin b`rieda iżjed minn sempliċi traskuraġni, iżda bil-ħsieb jew l-intenzjoni tal-ħażen li kellu jissarraf fit-teħid tal-kajjik tagħhom."

**Konsiderazzjonijiet**

Qabel ma din il-Qorti tidħol fil-mertu tal-Kawża jkun utli li l-ewwel ikunu deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari mogħtija mill-konvenuti bl-ewwel waħda

tal-konvenut li jeċepixxi li l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artikoli 2153 u 2154 tal-Kodiċi Ċivili.

*Il-preskrizzjoni*

F'dan ir-rigward jiġi rilevat li jekk l-azzjoni ċivili tintlaqatx bl-art. 2153 jew mill-art. 2154 ma jiddependix minn jekk il-konvenut instabx ħati tar-reat, iżda jekk il-fatt attribwit lilu jinkwadrax fid-definizzjoni ta' reat jew le. Naturalment, jekk eventwalment jinstab – mill-Qorti Ċivili u sal-grad ta' prova li trid il-liġi ċivili – illi l-fatt ma seħħx, l-azzjoni tfalli mhux minħabba l-preskrizzjoni iżda għax il-premessa ta' l-azzjoni ma ġietx provata. Iżda ma tistax aprioristikament u bla ma tqis il-provi fid-dawl tal-oneru tal-prova li trid il-liġi ċivili tgħid illi, għax il-qorti ta' ġurisidizzjoni kriminali ma sabitx ħtija ta' reat, dan *ipso iure* jwassal għall-konklużjoni li l-preskrizzjoni li tgħodd għall-każ ma hijiex dik taħt l-art. 2154. (**Sentenza tal-31 ta' Jannar, 2014, Appell Ċivili, fl-ismijiet Mary Ann Borġ bħala leġittima rappreżentanti ta' binha minuri Daniel Borġ v. Korporazzjoni Enemalta u Charles Bonello**).

Fit-tieni lok din il-Qorti tirrileva li l-preskrizzjoni f'materja ta' danni derivanti minn reat, f'dan il-każ wieħed involontarju, hija regolata bl-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili li fis-subinċiż (1) jiddisponi li "*dwar il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali*". Fil-każ in diżamina r-reat li riżultat tiegħu Carmel Bonello miet huwa dak kontemplat fl-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali li jġorr miegħu piena massima

ta' erba' snin priġunerija, u għalhekk, fit-termini tal-artikolu 688(d) tal-Kodiċi Kriminali, preskrivibbli biss bid-dikorriment ta' ħames snin. Dan il-prinċipju huwa ribadit minn għadd kbir ta' Sentenzi lokali. Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tkun miċħuda.

*Il-konvenut Bureau mhux il-leġittimu kontradittur*

L-eċċezzjoni hija fis-sens li l-Atturi, għaliex f'każ ta' vettura mhux assigurata, m'għandhom ebda azzjoni diretta kontra l-konvenut Bureau għaliex il-fond mhux assiguratur.

Il-Qorti eżaminat il-leġislazzjoni Sussidjarja 403.13. Din il-liġi tistabilixxi qabel xejn li f'regolament 3 l-għanijiet tal-fond huma; a) *għall-ħlas ta' kull talba dwar riskji sitwati f'Malta u rabtiet f'Malta fejn Malta tkun il-pajjiż tar-rabta fl-ammonti preskritti b'dawn ir-regolamenti kontraassiguratur, li jibqgħu ma jitħallsux minħabba l-insolvibbiltà ta' dak l-assiguratur;*

*(b) sabiex jitħallas kumpens lil vittmi ta' inċidenti tat-traffiku fit-toroq f'ċirkostanzi preskritti b'dawn ir-regolamenti*" (Emfażi tal-Qorti).

Issa aktar 'l quddiem dan ir-regolament ikompli jispjega s-segwenti f'regolament 26:

*"(1) Il-ħlas ta' kumpens għar-rigward ta' responsabbiltà ċivili ta' xi persuna, kaġunati minn jew li joħorġu mill-użu ta' vettura bil-mutur, barra minn ħlas għal kumpens li jaqa' taħt id-disposizzjoni tar-regolament 25, jista' jsir minn fondi mwarrbin mill-Fond għall-ħlas ta' kumpens dwar responsabbiltajiet protetti, jekk iseħħu dawn il-kondizzjonijiet:*

*(a) min japplika għall-ħlas ma jkunx jista' jsib lil xi persuna li tkun responsabbli għar-responsabbiltà ċivili;*

*(b) ir-responsabbiltà ċivili kienet kaġunata f'dawk iċ-ċirkostanzi li fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltà l-persuna li ma tinsabx kienet tkun obbligata li tħallas id-danni lil min japplika għar-rigward tar-responsabbiltà ċivili;*

*(ċ) ir-responsabbiltà tal-persuna li ma tinsabx biex tħallas id-danni lil min japplika hija waħda meħtieġa li tkun koperta minn assigurazzjoni jew sigurtà taħt leġislazzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja, u jinftiehem għal dan l-għan, fin-nuqqas ta' xhieda kuntrarja, li l-vettura kienet qed tintuża f'ċirkostanzi li fihom min kien qed jużaha kien meħtieġ mill-imsemmija leġislazzjoni li jkun assigurat jew li jkollu sigurtà kontra r-riskji ta' terzi persuni;*

*(d) ir-responsabbiltà ċivili ma tkunx kaġunata mill-użu tal-vettura mill-persuna li ma tinstabx bħala arma, jiġifieri f'tentattiv premeditat li ttajjar bil-karozza lill-mejjet jew lill-persuna offiża; u*

*(e) l-applikazzjoni għall-kumpens tkun saret bil-miktub fi żmien sentejn mid-data meta jiġri l-inċident li ċivili*" (Emfażi tal-Qorti).

Dawn l-oġġettivi huma espressament imsemmija f'artikolu 49 tal-Kap 403 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa dak li għandha quddiemha l-Qorti ebda waħda miċ-ċirkostanzi ma hi riskontrata biex jingħad li l-Fond huwa tenut iħallas. La hija kwistjoni li hemm involuta xi soċjeta' ta' asigurazzjoni li qiegħda f'falliment, anke l-anqas hemm kopertura b'polza ta' assigurazzjoni. La hija kwistjoni li min ikkawża l-inċident mhux magħruf għaliex li kieku l-Kawża ma kinitx issir kontra l-konvenut. Mankanti dawn iż-żewġ elementi prinċipali din il-Qorti qatt ma tista' issib lill-konvenut Bureau l-leġittimu kontradittur. Ma jistax iwieġeb għall-għemil tal-konvenut għaliex l-eżistenza tiegħu ma hiex maħsuba għal meta tkun magħrufa l-persuna li allegatament ikkawżat id-danni. (Ara **Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell [Kompetenza Inferjuri] fl-ismijiet Montaldo Insurance Agency Limited bħala agenti et -vs- Motor Insurers' Bureau tat-30 ta' Jannar, 2017**).

Wara li din il-Qorti kkunsidrat ċ-ċirkostanzi fattwali ta' dan il-każ waslet għall-konklużjoni li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Bureau timmerita li tkun milqugħa u għalhekk ser ikun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

*Il-mertu*

Il-Qorti rat sewwa l-fatti kollha tal-Kawża. Saret referenza partikulari għall-fatt li Carmelo Bonello m'għamilx użu minn 'pelican lights' li kien hemm fil-viċinanzi ta' l-inċident. Huwa in kontestat li l-konvenut kien diġa' qabeż it-'traffic lights'. Fatt bħal dan huwa ta' importanza għaliex "sewwieq li jkun ġja' għaddha 'zebra crossing' loġikament mhux mistenni li jġorr l-istess piż

ta' responsabbilita', għal dak li jirrigwarda prekawzjonijiet, illi qiegħed fuq kull sewwieq meta għadu qed javviċina 'zebra crossing'" (ara **Il-Pulizija- vs- Anthony D'Amato 8 ta' Ġunju 2001**).

Min-naħa l-oħra dan ma jfissirx li s-sewwieq m'għandux ikollu "proper look out" għaliex li kieku din is-sentenza kellha tkun interpretata b'dan il-mod bosta sewwieqa ma jinstabux ħatja ta' inċident meta ma kellhomx għajnejhom fuq it-triq u ta' dak li qiegħed jiġri madwarhom. Fil-fatt id-duttrina Ingliża li aħna nsegwu ħafna fil-każ ta' inċidenti stradali tispjega li "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well*". (Ara **Newhaus vs Bastion Insurance Co. Ltd. [1968])**. Jista' jkun li l-mod xejn tal-galbu kif persuna taqsam it-triq tista' twassal għall-eżoneru komplet tas-sewwieq jekk il-persuna tkun għamlet xi mossa jew manuvra, kif qed isostni l-konvenut f'din il-Kawża jew li tikkontribwixxi b'għemilha għall-inċident.

Kwantu għall-obbligu li għandu l-'pedestrian' issir referenza għas-**Sentenza deċiża fl-10 ta' Mejju, 2005 mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet John Ransley et vs Edward Restall et** fejn intqal hekk:-

"*Dwar il-pedestrian jingħad li dan għandu juża l-massimu prudenza meta jiġi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-Highway Code jgħidu hekk: "20. Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the roadboth ways*". (Ara wkoll **Sentenza fl-ismijiet Formosa & Camilleri Ltd. et noe vs Joseph Camenzuli, Prim'Awla tas-26 ta' April, 2001 u Stefan Bonello vs Carmelo Abela, Prim'Awla tal-21 ta' Ottubru, 2002**).

Dan il-prinċipju ġie wkoll ribadit fis-**Sentenza tal-Prim Awla tat-28 ta' Ġunju, 2001 fl-ismijiet Joseph Micallef vs Joseph Sammut** fejn ġie ritenut illi:-

"*Irid jingħad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss għandu wkoll l-obbligi tiegħu li jrid josserva sabiex ma joħloqx periklu lill-utenti l-oħra tat-triq u fil-fatt irid jipprova li huwa u (hawnhekk il-Qorti kkwotat il-ġurista eminent Ingliż Gibb) used such care for his own safety as a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances*".

Sentenza oħra dwar l-obbligi ta' l-utent tat-triq kienet dik fl-ismijiet **Rita Calleja vs Joseph Agius, Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Ottubru, 1995** fejn ingħad:-

"*Jekk pedestrian ikun qiegħed ruħu f'post fejn mhux suppost ikun, id-driver li jkun qiegħed isuq karozza b'mod regolari jsib ruħu f'posizzjoni ta' emerġenza subbitaneja minħabba fih, dak id-driver m'għandux jiġi tenut ħati ta' sewqan perikoluż u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontinġenza.*" (Emfażi tal-Qorti).

Din il-Qorti tgħid li n-negliġenza kontributorja tad-defunt m'humiex għad-danni iżda parzjalment għall-inċident fih innifsu, li finalment xorta ser tirrifletti fuq il-kwantifikazzjoni tad-danni. Altru aġir li jikkontribwixxi għad-danni (per eżempju meta passiġġier ma jilbisx is-'seat belt') u altru meta l-vittma tkun parteċipi fil-mekkanika ta' kif ikun seħħ l-inċident.

F'dan ir-rigward l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk: "*Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara li batiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu doložament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni*" (Emfażi tal-Qorti).

Minn dan l-artikolu joħroġ, li l-vittma tista' tikkontribwixxi għall-ħsara jew tagħti okkażjoni għall-ħsara. Għalkemm dan it-tip ta' għemil tal-vittma huwa

komunament u f'sens ġenerali meqjus bħala negliġenza kontributorja, il-liġi kjarament tiddistingwi bejn meta l-vittma tikkontribwixxi għall-ħsara jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara. Fl-ewwel kategorija tkun aġixxiet b'mod passiv (eż: kellha tilbes 'seat belt' u ma libsitux) u fit-tieni kategorija tkun aġixxiet b'mod attiv (eż: qasmet bl-addoċċ it-triq).

Ix-xorta ta' responsabbilita' li qed tilmaħ fid-defunt f'din il-kawża hija minn dik tat-tieni kategorija. Fil-każ ta' aġir tal-vittma li taqa' fit-tieni kategorija, meta l-Qorti tagħmel l-apporzjonament ta' responsabbilita għall-inċident, il-kwantum tal-kontributorjeta' huwa aktar aċċentwat minn meta l-vittma tikkontribwixxi biss għall-ħsara iżda mhux għall-inċident. Dik ta' l-aħħar qatt ma tista' tingħad li kienet b'xi mod kwalunkwe l-kawża prossima tas-sinistru fih innifsu. B'estensjoni ma' l-analoġija tas-'seat belt', kieku l-vittma ma kinitx liebsa dan l-aġġeġġ preventiv u ma seħħx l-inċident ma kienet issofri ebda ħsara. L-aktar l-aktar tista' tirrendi lilha innifisha ħatja ta' kontravenzjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Inġinier Jean Paul Azzopardi jikkonkludi li ż-żewġ partijiet kienu jaħtu għaliex il-vittma kellha l-faċilita' li tuża l-'pelican lights', li kienu jinsabu ftit tal-metri 'l bogħod biss fejn seħħ l-inċident (a' fol 78). Dan l-espert ikkonkluda li l-mutur ma kienx għaddej b'veloċita' qawwija għaliex is-saħħa esterna tal-ġisem (dak tal-vittma) ma kienx biżżejjed biex tegħleb lill-mutur (a' fol 78). Fl-istess vena skond il-Maġistrat inkwirenti "*li*

*kieku Sciberras żamm 'proper look out' u ma kienx qed isuq b'veloċita' tant qawwija kien jirnexxilu jevita li jolqot lill-vittma ... ma teskludiex li seta' kien hemm xi negliġenza kontributorja da parti tal-istess vittma*" (a' fol 80 Emfażi tal-Qorti). Jiġifieri anke l-Maġistrat inkwerenti wriet il-preokupazzjoni tal-kontributarjeta' għall-inċident da parti tad-defunt. Il-Maġistrat inkwirenti dejjem ikun fil-posizzjoni vantaġġjuża għax tisma' l-provi jekk mhux in tempo vergine f'mument fejn il-provi ikunu għadhom friski u x'aktarx il-verzjonijiet ikunu għadhom l-aktar veritiera mingħajr ħadd mill-partijiet ma jkollu żmien biżejjed biex jaħseb kif l-aħjar għandu jixhed biex jeżimi lilu nniffsu mir-responsabbilita'.

Min-naħa l-oħra l-konvenut jgħid li hu kien ġej mid-direzzjoni tal-HSBC sejjer lejn l-Imsida. Jgħid li l-vittma qasam u meta l-konvenut prova jmur in-naħa tax-xellug sabiex jevitah, il-vittma reġa' lura bil-konsegwenza li laqtu bil-vettura tiegħu. (ara wkoll rapport pirs a' fol 241). Iżda l-Inġinier Paul Azzopardi jixhed li mill-filmati li analizza jidher li l-vittma mhux veru daret lura iżda kien għadu miexi fl-istess direzzjoni meta seħħ l-impatt (a' fol 78). Fl-interogatorju lill-Pulizija il-konvenut jgħid li l-vittma x'ħin intebaħ għamel pass lura (a' fol 245). Il-verżjoni tiegħu inbidlet fis-sens li filwaqt li lill-Pulizija qalilhom li prova jmur lura issa jgħid li għamel pass lura biex għalhekk ħoloqlu emerġenza subitaneja. Bi preċiżjoni l-konvenut jgħid li l-vittma qasam u meta l-konvenut prova jmur in-naħa tax-xellug sabiex jevitaħ, l-vittma reġa' lura bil-konsegwenza li laqtu bil-vettura tiegħu. (ara wkoll

rapport pirs a' fol 241). Id-diskrepanza bejn iż-żewġ verżjonijiet tal-konvenut hija ċara.

Di pju jidher ċar li għalhekk waħda mis-'side mirrors' hija miksura, ir-ritratti juru wkoll li l-mutur għandu daqqa' fuq quddiem. Mir-ritratt ta' fejn kienu l-ħsarat jidher li l-impatt f'xi mument kien wieħed frontali (a' fol 116 u 226). Il-mutur ma waqax għalhekk ma setax kellu ħsarat oħra ħlief dawk ikkawżati mill-inċident in kwistjoni. Anke l-konvenut stess jammetti li ma inqalibx mal-impatt (a' fol 309). Fl-aħħar nett il-konvenut isemmi lil ċertu Taljan li ra l-inċident, iżda dan laħaq miet qabel ma seta' jissejjaħ bħala xhud. Dan kien kellem lill-Pulizija (a' fol 350). B'dan kollu l-konvenut f'ebda ħin ma tella' lill-Pulizija jew ikkontra eżaminhom fuq dan il-fatt.

L-Awturi josservaw li "*Se il fatto colposo del creditore ha concorso a cagionare il-danno, il risarcimento e' diminuito secondo la gravita' della colpa e l'entita' delle consegwenze che ne sono derivate*". (Ara **G. Pescatore u C. Ruperto, Codice Civile Annotato, Giuffre Ed. Ed. 1978, pg 1149**). Għalhekk wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li r-responsabbilita' tal-inċident għandha tinqasam nofs bin-nofs, bejn il-konvenut u d-defunt.

*<u>Id-danni</u>*

F'din il-Kawża l-Qorti għandha żewġ ċirkostanzi li huma insoliti għalkemm dawn il-Qrati mhux l-ewwel darba li rriskontrawhom. L-ewwel waħda li si tratta ta' persuna li kellha 73 sena meta mietet u t-tieni, id-danni huma reklamati mill-eredi unversali tad-defunt li huma wliedu (a' fol 5).

L-anzjanita' m'għandha tirrappreżenta ebda problema anke jekk l-eta' tad-defunt tiżboq dik ta' 65 sena li huwa l-kejl li solitament jieħdu dawn il-Qrati bħala multiplier jew l-eta' pensjonabbli (**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012**).

Sa fejn jirrigwarda l-aspett ta' *damnum cessans*, indipendentement minn kemm kellu eta' id-defunt, id-*damnum emergens* mhux affettwat, għaliex dan huwa telf attwali u effettiv. Jekk sar, irid jitħallas. Fil-kawża odjerna ma jidhirx li qiegħed ikun mitlub dan ix-xorta ta' danni għaliex fi kwalunkwe każ ma hemm ebda prova ta' xejn f'dan ir-rigward. Di fatti anke minn eżami tan-nota ta' osservazzjoni ta' l-atturi, ma hemm ebda referenza sinjifikattiva għal dawn ix-xorta ta' danni.

Fejn il-Qorti ser tirriskontra problema hija fil-każ tal-*lucrum cessans* u ċioe' telf futur fid-dawl ta' l-eta' pjuttost avvanzata tad-defunt fil-mument tal-inċident. Għalhekk, il-Qorti f'dan l-istadju ser tillimita ruħha għad-*damnum emergens* peress li dan irid jitħallas dejjem.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Galea et v. Fenech et, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Marzu, 2004**, fir-rigward ta' mara ta' 61 sena li, qabel l-inċident, kienet attiva fuq xogħol differenti, intuża 'multiplier' differenti. F'din is-Sentenza saret din l-osservazzjoni mill-Qorti tal-Appell:

"*Ċertament ċirkostanza relevanti li l-qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tad-danni hija l-eta` tad-danneġġat. Fid-data ta' l-inċident l-attriċi ġia` kellha sittin sena u, għalkemm ta' dik l-eta` kien jidher li kienet*

*tgawdi saħħa li tippermettilha ħidma kummerċjali, kien mistenni li bl-avvanz tal-eta` dik l-attivita tonqos jew saħansitra tieqaf kompletament. Għalhekk fil-komputazzjoni tal-kumpens ta' persuna ta' eta` avvanzata li ma tiddependix għall-introjtu tagħha fuq 'income' fiss bħal per eżempju pensjoni, iżda li tippretendi li l-kumpens jirrifletti l-introjtu tagħha minn xi attivita` kummerċjali qabel l-akkadut, il-qorti għandha tipprospetta l-probabbilita` ta' riduzzjoni fl-introjtu proprju minħabba l-eta` dejjem tavvanza tad-danneġġat. Dan għaliex dawn id-danni, għalkemm jitħallsu bil-quddiem, qegħdin jiġu komputati fuq firxa ta' snin futuri*".

F'dan ir-rigward 'Munkman' jagħmel osservazzjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti għandha validita' inkwantu l-vittma kienet anzjana u di piu' bi preċedent simili għal dawk mertu tal-Kawża. Anke jekk din l-osservazzjoni hija f'każ ta' mewt dan jgħid li "*unless there is clear evidence in an individual case to support the view that the individual is a typical and will enjoy longer or shorter expectation of life, no further increase or reduction is required for mortality alone"* (**Munkman On Damages for Personal Injuries and Death LexisNexis 12th Ed, pg 810**).

Fis-**Sentenza fl-ismijiet Manuel Buhagiar vs Kyle Stone et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-28 ta' Frar 2007**, fil-ġurnata tal-inċident l-attur ukoll kien anzjan iżda kien għadu attiv, jimxi u jfendi għal rasu. Wara l-inċident kellu bżonn bastun, beda jsofri minn dipressjoni għaliex ma setax ikompli jagħmel l-attivita' li kien jagħmel qabel.

Il-Qorti għaddiet biex tillikwida kumpens mistħoqq lill-attur fuq bażi ta' 'arbitrio boni viri' taħt it-titlu ta' *lucrum cessans*.

**F'Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Marzu 2004,** id-danneġġjat kellu 74 sena u ġie ċertifikat li qiegħed isofri minn debilita' ta' 5%. L-ewwel Qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni minkejja li rriżulta li bħala dħul kellu l-pensjoni u li l-inċident ma kellux effett fuq dan l-introjtu. Madankollu l-Qorti ġġustifikat id-deċiżjoni li tagħmel kalkolu tat-telf ta' qligħ futur minħabba "l-*ispejjeż żejda li jkollu jagħmel minħabba d-diżabilta' tiegħu dawn ifissru qliegħ inqas għalih ...*" Spejjeż li mis-sentenza ma jirriżultax x'setgħu kienu. Għal finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni għalkemm l-attur kellu din l-eta' avvanzata, il-Qorti xorta għamlet użu mill-formola li normalment tintuża f'każijiet simili fejn trid issir likwidazzjoni ta' *lucrum cessans* u addottat multiplier ta' għaxar (10) snin. Il-Qorti tal-Appell irriduċiet il-'multiplier' għal tmien (8) snin peress li l-Attur miet fil-kors tal-proċeduri.

Din il-Qorti tibqa' ssostni li xorta hi tal-fehma li l-intervent tal-leġislatur għandha sservi bħala mezz sabiex dak li qiegħed jingħad fil-ġurisprudenza jkun rifless fil-provvedimenti tal-liġi. L-awtur Taljan Torrenti jsostni li "*la valutazione del danno puo' essere laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo.*" (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**).

Dawn is-sentenzi kollha jistabilixxu li għalkemm il-kejl normali li jimxu fuqu dawn il-Qrati li jingħataw danni sal-eta' ta' 65 sena, din ma hiex xi regola miktuba fl-irħam u li ma hiex soġġetta għal modifikazzjonijiet. Din il-Qorti tgħid li bħal ma persuna ta' eta' żgħira li pero' tkun afflita b'multipliċita' ta' kundizzjonijiet mediċi jista' jkollha l-aspettattiva għal ħajja mnaqqsa (*the chances and changes of life*), hekk ukoll persuna li jkollha eta' pjuttost avvanzata, minħabba l-istat tajjeb ta' saħħa qabel akkadut jista' jkollha din l-aspetattiva prolonguta lil hinn mill-eta' ta' 65 sena. Issa f'dan il-każ il-persuna mietet. Din il-Qorti m'għandha ebda prova li turi li minkejja li l-persuna kellha 73 kienet fi stat ta' saħħa li probabbilment kellha ħajjitha qasira. Anzi kien bniedem li saħansitra kien jieħu ħsieb it-tfal tal-Attriċi. Għalhekk din il-Qorti tħoss li 'multiplier' ta' ħames (5) snin ikun ġust fiċ-ċirkostanzi.

Biex il-Qorti tkun tista' torbot dan il-'multiplier' mal-entrojtu tad-defunt, m'għandha xejn konkret quddiemha. Minn Malta ma kienx jieħu pensjoni iżda kien jieħu minn barra. Saviour Theuma mid-dipartiment tas-servizzi iżda ma jistax jgħid kemm qed jirċievi (a' fol 285 tergo). Kemm tassew qiegħed jirċievi ma ebda prova fl-atti. Dan ma jfissirx li din il-Qorti għalhekk għandha tiskarta li tipprovdi għal 'lucrum cessans'. B'ġustizzja u bħala kejl din il-Qorti ser timxi fuq il-gwida ta' kemm hi l-penzjoni mhux kontributorja minima nazzjonali: bejn 66 sena u taħt 80 sena hija ta' €266 fil-ġimgħa. Għalhekk annwalment persuna tirċievi €13,832.

Ovvajment la darba l-persuna mietet l-inkapaċita hija ta' 100%. Dan ifisser li fuq medda ta' ħames (5) snin l-ammont huwa dak ta' €69160. Pero' stante li d-defunt huwa meqjus li kkontribwixxa 50% għall-inċident, l-ammont likwidabbli huwa dak ta' €34,580. Minn dan l-ammont irid ukoll jitnaqqas il-lump sum payment li fiċ-ċirkostanzi qed ikun ikkalkolat fl-ammont ta' 18%. Tenut kont li sal-lum għaddew tlett snin minn meta ġiet intavolata l-Kawża dan l-ammont għandu jitnaqqas b'€6,224. Dan ifisser, li, li kieku Carmel Bonnello għadu ħaj, kien ikollu dritt jirriklama danni fit-total ta' €28,356.

Issa d-danni m'humiex qegħdin jintalbu mill-persuna li ġarbithom iżda minn uliedu qua eredi universali. Fis- **Anthony Turner et vs Francis Agius et' deċiża fis-17 ta' Frar 1998** ingħad is-segwenti:-

"*Id-dritt għar-risarċiment għad-danni hu dritt patrimonjali li jintiret bħall-oħrajn, u ma għandux ikun modifikat għax jgħaddi b'wirt f'idejn is-suċċessur; id-dritt tas-suċċessur huwa l-istess dritt li kellu l-awtur tiegħu*".

Illi dan huwa bbażat fuq il-fatt li kif jidher ċar miċ-ċitazzjoni attriċi, l-atturi qed jagħmlu din il-kawża bħala aventi causa mill-mejta tant li fl-istess ċitazzjoni attriċi jingħad li 'huma l-eredi ta' Marion Mizzi kif jirriżulta mill-anness dokumenti' u għalhekk jidher ċar li d-danni li qed jiġu reklamati huma dawk medesimi naxxenti mid-drittijiet tal-vittma fil-mument tal-inċident li llum qed jiġu eżerċitati mill-istess atturi bħala suċċessuri tal-istess.

Fi kliem ieħor l-azzjoni ta' danni vantata mill-atturi hija l-istess azzjoni spettanti lill-vittma naxxenti mid-danni li sofriet kawża tal-inċident de quo,

u għalhekk dak li qed jiġi eżaminat illum huma l-istess drittijiet li kien ikollha l-vittma li kieku baqgħet ħajja u li fil-fatt kellha sakemm hija kienet għadha ħajja.

Dan iwassal għall-konsegwenza li tiġi wkoll in prattika eleminata l-anomalija li kienet inħolqot anke tramite ġurisprudenza preċedenti għal din is-sentenza fuq ċitata fejn min ikkawża d-dannu kien iwieġeb f'ammont inqas meta persuna tinqatel kawża tal-aġir irrisponsabbli u negliġenti tiegħu milli meta kien biss ikorri l-istess vittma, li kienet b'hekk issofri diżabilita' permanenti. Illi f'każ ta' mewt inveċe l-persentaġġ ta' diżabilita' permanenti huwa bla dubbju ta' mija fil-mija (100%) u għalhekk it-talba għar-risarċiment ta' danni għandha tiġi diretta lejn dan l-istess persentaġġ, u dan jikkonferma l-prinċipju li d-dritt u l-valur tal-ħajja huwa wieħed assolut u totali u hekk għandu jiġi rispettat u rikonoxxut fil-liġi, b'dan li din is-sentenza qed tirrikonoxxi mhux biss l-għerf u l-umanita' tad-deċiżjoni ċitata, iżda wkoll il-prinċipji legali sodi li fuqha hija bbażata u li fuqhom din il-Qorti qiegħda timxi.

Minn dan isegwi li l-istess Atturi mhux qed jeżerċitaw l-azzjoni *iure proprio* iżda bħala eredi tal-mejjet, u għalhekk dak li qed jiġi eżaminat m'huwiex l-effett li l-istess mewt traġika ħalliet fuq il-familjari tagħha, dipendenti minnha jew le, iżda d-dritt ta' danni sofferti mill-vittma li tramite l-liġi tas-suċċessjoni ġie trasmess lill-eredi, b'dan li d-dritt ta' l-azzjoni tal-vittma w id-dritt illum eżerċitat mill-eredi tagħha huwa l-istess wieħed u identiku.

Dan il-kunċett ġie espress b'dan il-mod fl-istess sentenza u ċioe':- '*Jekk il-liġi tippermetti u trid li l-atturi jirtu lill-mejta, ukoll jekk ma jiddependux minnha għall-għejxien tagħhom, il-qorti ma tistax tgħid li l-atturi ma jirtux ukoll id-dritt għad-danni li kienet tieħu l-vittma li kieku baqgħet ħajja. Il-fatt li l-vittma setgħet, kieku baqgħet ħajja, tiżżewweġ u għalhekk ma jirtuwhiex il-ġenituri u ħutha ma jibdilx il-fatt li, meta mietet qabel il-waqt, għax kellha x-xorti ħażina li tafda ħajjitha f'idejn sewwieq bla għaqal, l-eredi tagħha kienu l-atturi tallum*".

Dan l-istat ta' fatt huwa wkoll rikonoxxut fil-liġi tagħna stante li l-artikolu 1045 tal-Kap 12 jiddisponi li:- '(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċita' għall dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib'. (2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċita' tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċita' ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara'. Illi l-artikolu 1046 tal-Kap 16 ikompli hekk:- 'Jekk minħabba l-egħmil li jagħti lok għad-danni meta xi ħadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali kkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċita' totali għal dejjem, skond id-disposizzjonijiet ta' l-aħħar artikolu qabel dan'. (Ara **Sentenza tas-27 ta' Lulju, 2007 Appell fl-ismijiet Francesco u**

**Coronata konjuġi Sultana, Joseph u Angela xebba aħwa Sultana -vs- Francis Xavier Grech u martu Rita Grech**).

Mela l-liġi ma tagħmilx differenza bejn it-tip ta' danni bejn il-każ ta' diżabilita' permanenti f'każ ta' persuna li tweġġa' u tibqa' ħajja u fil-każ ta' persuna li tmut, u l-istess prinċipji ta' 'damnum emergens' u 'lucrum cessans' japplikaw, kollha soġġetti għaċ-ċirkostanzi tal-każ in partikolari; li huwa sinifikattiv fl-artikolu 1046 hawn ċitat huwa li l-istess disposizzjoni tirrikonoxxi d-dritt tal-werrieta li jaġixxu għad-danni sofferti mill-mejjet, u la darba l-istess liġi titkellem fuq werrieta huwa ovvju li l-azzjoni li din qed tirreferi għaliha hija proprju dik spettanti lill-persuna li tkun sofriet l-istess ħsara u dan anke peress li fil-każ ta' mewt il-liġi qed titkellem fuq inkapaċita' totali għal dejjem b'referenza diretta għat-telf ta' ħajja tal-istess individwu, u dan kollu jikkonferma li l-eredi qed jagixxu bħala suċċessuri fid-drittijiet ta' l-istess vittma tal-akkadut.

Stabbilit il-premess isegwi li l-kwistjoni ta' 'dependency' hija superfluwa fil-kuntest tal-prinċipji fuq imsemmija. Għalhekk m'għandu jsir ebda tnaqqis mis-somma li għandha tiġi likwidata għal dak li setgħet tikkonsma l-vittima kieku baqgħet ħajja stante li dan it-tnaqqis ma jsirx fil-każ ta' persuna li baqgħet ħajja u għalhekk m'għandux isir fil-każ ta' persuna li tmut, u dan huwa konsegwenti tal-fatt ġuridiku li tali dritt għar-risarċiment tad-danni jintiret mill-eredi bla ebda modifika, u d-dritt tas-suċċessur huwa l-istess dritt li kellu l-awtur tiegħu.

Jekk ngħidu mod ieħor inkunu qegħdin nerġgħu ngħidu li aktar jaqbillu min isuq ħażin isuq ftit agħar sabiex il-konsegwenzi tas-sewqan ħażin tiegħu jkunu aktar serji, sabiex lill-vittimi joqtolhom flok ikorrihom. Din hija ħaġa li l-liġi żgur ma tridx; u m'għandux ikun, li min għandu jwieġeb għal danni jgħid mn'Alla qatilha lill-vittma għax li kieku baqgħet ħajja iżda inkapaċitata għal kollox, kien ikun agħar għalih.

Issa kif jirriżulta mill-Affidavit tal-Attriċi, bħal donnu li din qed tirriklama d-danni, għaliex fejn qabel kien ikun d-defunt li jieħu ħsieb it-tfal waqt li kienet tkun għax-xogħol issa qed ikollha timpjega persuna oħra biex tieħu ħsiebhom hi. F'dan il-każ huwa ċar li sa fejn jirrigwarda din il-pretensjoni l-Attriċi qed tirriklama mhux fil-kapaċita' tagħha ta' eredi iżda de propio u separatament mill-Attur l-ieħor. Il-Qorti ma tħossx li għandha takkorda danni f'dan ir-rigward għaliex hija ċirkostanza għal kollox fortwita li kien missierha li qed jieħu ħsieb it-tfal tagħha. Hija ħaġa komda li jkollok lil min joħodlok ħsieb it-tfal x'aktarx b'xejn *ex-familiaritatis causa*. Iżda dan ma jwassalx lil din il-Qorti biex tifhem li jekk dan imut f'inċident li ma jkunx tort tiegħu, il-persuna li tikkawża l-inċident għandha tagħmel tajjeb għat-trobbija u ħarsien tat-tfal ta' dawk li jiġu mill-vittma minħabba li dan kien jieħu ħsieb in-neputijiet tiegħu. L-obbligu tat-trobbija tat-tfal huwa fuq il-ġenituri u mhux fuq missierha u l-għażla kienet tagħha li flok ġabet *nanny* biex tieħu ħsieb it-tfal, ma tmurx għax-xogħol u li timpjega persuna oħra. Dan ifisser li s-similitudni ma hiex *like with like*.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-Motor Insurer's Bureau u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-preskrizzjoni tal-konvenut Raymond Sciberras.

**Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attriċi** iżda sal-grad ta' 50% kwantu jirrigwarda r-responsabbilita' tal-konvenut Raymond Sciberras għall-inċident in kwistjoni u dan għar-raġunijiet fuq spjegati.

**Tilqa' it-tieni u t-tielet talba attriċi** billi tillikwida d-danni fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf, tlett mija, sitta u ħamsin ewro (€28,356) u tikkundanna lill-konvenut Raymond Sciberras iħallas l-ammont hekk likwidat bl-imgħaxijiet mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**